# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru mija u sbatax (117) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, fis-6:55pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-KLM, wara li kienet kanċellata il-laqgħa tal-20 ta' Marzu minħabba attivita' tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija li kienu mistiedna għaliha il-kunsillieri, kif ukoll kienet kanċellata dik tas-27 ta' Marzu għaliex kien hemm il-ġurament tal-ħatra tal-kunsillieri tas-7 leġislatura f'Kastilja.

| | | |
|---|---|---|
| PRŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATI: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| SPETTATUR: | Michel Farrugia | Kunsillier elett għas-7 leġiżlatura |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet aktar tard milli kien skedat għaliex infetħet l-offerta pubblika tal-kostruzzjoni ta' culvert għall-ilma tax-xita għat-tieni darba konsekuttiva wara li dik tal-ewwel kienet ikkunsidrata mill-KLM bħala għolja ħafna.

3. Il-minuti tas-seduta numru mija w sittax (116) kienu ċċirkulati permezz ta' *e-mail* mis-SE aktar kmieni, kienu korretti bl-emendi li xtaqu l-kunsillieri skont kif jidher fuq il-kopja oriġinali u inizjalata mis-Sindku u s-SE, u dawn kienu approvati u ffirmati.

4. Is-Sindku qal li hu stieden lill-kunsillieri l-ġodda biex ikunu preżenti għal din il-laqgħa, pero' Charlene Zammit ma setgħetx tkun hawn.

5. Dwar ir-rapport tal-ħsara li qed nassumu li sar minn Transport Malta fil-każ tal-ħsarat ta' Triq tas-Sejba, is-sindku qal li ir-rapport ma għandniex kopja tiegħu u s-suġġeriment kien illi jaqilgħu dik il-parti li ċediet u jiżolawha mill-barriera. Noel Galea qal li TM niżlet tliet filati 'l isfel u radmu bis-cement stabilization. Skont Nicholas Briffa dan ma seħħx għaliex dawn radmu bl-iscarrifying material li inqata' mill-post stess. Tant li Nicholas Briffa qal li diġa' qed tinħass bħal benniena 'l isfel. Hawn Noel Galea qal li l-Kunsill Lokali Mqabba ma nefaq l-ebda' ċenteżmu biex issewwiet triq li kienet fir-responsabbilita' tiegħu.

6. Dwar il-ftuħ tal-proġett tal-Mentna, is-Sindku qal li infetaħ il-proġett tal-Mentna flimkien mal-Onorevoli Chris Said u qal li hemm punti x'din il-leġislatura għandha tosserva. Dawn huma li tkun aġġornata l-website, trid tinżamm informazzjoni (data) tal-ammont ta' viżitaturi li jagħmlu l-heritage trail, preferibbilment minn biljetti tad-dħul tal-katakombi, naraw li jinħoloq post jew tnejn tax-xogħol relatat mat-turiżmu. Dwar ix-xogħlijiet li wettqet il-kumpanija Go plc, Noel Galea qal li jridu jitħallsu mill-

Aġenzija ta' Pagamenti. Intant ma kienx approvat il-pagament ta' xogħlijiet tal-Go plc li wettaq il-kuntrattur Schembri Barbros li jammonta għal €8,000 circa.

7. Kienu approvati l-Audit Adjustments kollha li pproponew Grant Thornton għas-sena 2012. Għaldaqstant is-SE kien imħeġġeġ idaħħalhom, jagħmel year end u javza lill-accountant sabiex itella' l-audited financial statement ħalli dawn jiġu mgħoddija mill-ġdid lil Grant Thornton.

8. Hawn is-SE kien mistoqsi jekk l-awditur ħax proviżjon għall-aħħar kontijiet li kienu mressqa fi ħdan il-KLM dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-Mentna. Hu irrisponda illi l-grants kollha kienu mgħoddija skont il-kuntratt iffirmat mal-aġenzija tal-pagamenti MRRA.

9. Is-Sindku qal li Kunsill ġdid għandu jaħdem biex jittappja fondi tal-Fond għal titjib urban li issa jlaħħaq fi ħdan il-MEPA għal madwar €7,500 u ssuġġerixxa biex bħala prijorita' kunsill ġdid jikkunsidra il-pavimentar tal-isqaq il-qasir fi Triq Santa Katerina.

10. Noel Galea qal li kunsill ġdid għandu jaħdem fuq proġett ta' tisbiħ għall-Housing Estate ta' Binja Ħarriġiet fejn kienu approvati madwar €20,000 mill-Awtorita' tad-Djar. Is-Sindku qal li wieħed għandu jaħdem biex jatwa l-grants fuq skemi lokali bħal dik ta' restawr ta' żewġ statwi ta' San Franġisk u dik tal-Kunċizzjoni fuq il-Mentna, jitwaħħlu cameras tas-sigurta' kemm fi ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll fil-Pjazza tal-Knisja. Irrefera wkoll għall-attivita' kulturali bl-isem l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien lit rid issir f'Ottubru 2013.

11. Noel Galea iddedika ħin biex iwieġeb għal ittra li kienet indirizzata lilu datata 22 ta' Marzu u li waslet għall-attenzjoni tas-SE propju f'din is-seduta fejn huma wieġbu għat-tweġiba tal-ittra tiegħu ta' nhar it-28 ta' Frar. Hu qal illi dwar id-dwar tal-Milied, illi dan intefa' kmieni f'Jannar għaliex il-Korporazzjoni Enemalta qalgħu il-meter u l-wires tal-Pjazza minħabba li din l-applikazzjoni bidluha ma dik tal-Presepju Ħaj tas-Soċjeta' Mużikali Sta Marija. Hu semma' wkoll li l-KLM kien iddiskuta cost savings biex jinxtgħel qabel il-festa tal-Kunċizzjoni.

12. Dwar it-tappiera li hemm fi Triq il-Madonna tal-Ġilju kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja, Noel Galea qal illi din issewwiet mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba, minkejja li domna xi ftit.

13. Għal dan il-kliem, Paul Spiteri qal illi hemm bżonn li tissewwa' dik li hemm quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista għaliex din qed tisfronda. Paul Spiteri irringrazzja lill-Kunsill tal-ħidma u awgura kontinwita' minkejja li ma hu ma ġiex elett fi ħdan is-7 leġislatura. Hu wiegħed li se jibqa' jaħdem u jkun ta' sostenn.

14. Hawn intqal illi dawn il-5 snin kienu snin ta' ħidma fejn imbarkajna fuq proġetti kbar, ġibna finanzi għal xogħlijiet infrastrutturali, saru korsijiet, ħarġiet, attivitajiet kulturali, ittappjajna fondi mill-Unjoni Ewropeja u l-Gvern Lokali biex ikunu ta' ġid għal-lokalita' inġenerali.

15. Il-leġislatura li ġejja għandha programm elettorali xi twettaq u jekk hemm punti ta' konverġenza mal-minoranza ta' dan il-Kunsill, għandna nisfruttawhom għal ġid ta' kulħadd. Li jkun hemm unanimita' hija xi ħaġa sana għaliex il-Kunsill Lokali tal-

Imqabba xorta se jkun ittantat mil-każini tal-banda minħabba l-influwenza li għandhom anke politikament fuq ir-raħal tagħna.

16. Noel Galea qal li b'koperazzjoni mal-Pulizija, irnexxielna nġibu il-kriminalita' f'livell ta' 0%, b'sistema mhux uffiċjali ta' Neighbourhood Watch u saħansitra għandna livell tajjeb ta' ndafa.

17. Noel Galea qal illi l-KLM għandu permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja jiffinanzja persuna billi l-akkwist tal-fondi jkunu saħansitra inċentiva fil-paga tiegħu. Hu ddeskriva ħidmietu bħala 11-il sena kunsillier, b'5 snin Sindku li ħadem 24 x 7 u ta sehmu biex ħalla r-raħal aħjar u be ħsiebu jagħti ir-riżenja fil-ġranet li ġejjin għax iħoss li 11-il sena huma biżżejjed. Hu qal li kien hu stess li ssuġġerixxa li s-Sindku jservi għal żewġ leġislaturi biss fi ħdan Kunsill. Dan kien għamlu fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Noel Galea qal li f'dawn il-5 snin ftit kien hemm okkażjonijiet fejn ittieħdu voti filwaqt li rringrazzja lill-Istaff klerikali u dawk tal-IPSL u tal-CWS. Finalment hu qal li f'dawn is-snin hu stess tgħallem ħafna u żviluppa l-kapaċitajiet tiegħu biex jieħu deċiżjonijiet u jkun jaf jitkellem.

18. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru erba' mija u tmienja u ħamsin (458).

19. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

Magħmula minn: Anthony Bonello<br>Segretarju Ezekuttiv